Ix-xemx kienet tielgħa minn wara l-għoljiet. It-tlett itfal telqu fuq ir-roti tagħhom. Kienu lebsin l-ingwanti u xlapi imma ma kinux jibżgħu mill-ksieħ. Ma damux ma waslu fil-kampanja. It-triq kienet imħarbta. F'nofs triq waqfu ħa jitpaxxew bil-gelgul ta' ilma oħxon nieżel matul il-wied. Imbagħad reġgħu telqu. Fis-siegħa u l-ħin John waqaf iħares lejn xi ħaġa titħarrek ħierġa minn ġo kaxxa. Saq għal ħdejha biex jifli sew, waqaf ħdejha, niżel u waqqaf ir-rota mal-ħajt tas-sejjieħ.

"Dak ġeru!" qalet Rose bil-kemm trid temmen lil għajnejha. Kien ġeru magħlub u maħmuġ, rogħda waħda. Paul ġabru bil-ġentilezza u rassu miegħu.
"Dan mejjet bil-ġuħ, miskin. Neħduh magħna għand iz-ziju u nieħdu ħsiebu. Bi ftit ikel u sħana żgur jerġa' jieħu r-ruħ." Rose poġġietu fil-kaxxa u rabtet il-kaxxa mas-sidil tar-rota u lkoll telqu għal għonq it-triq bil-ħeffa ħalli jgħaġġlu jagħlfu lill-ġeru.

Malli waslu għand iz-ziju dan laqagħhom bi tbissima. Rose malajr urietu l-ġeru.

"X'se nagħtuh ziju?" staqsietu bil-ħerqa.
"Ftit gallettini fil-ħalib," kien pront wieġeb iz-ziju. Hekk għamlet Rose u l-ġeru lagħaq il-plattina. Rose tatu banju u John sab tapit oħxon għall-ġeru. Il-ġeru ferfer denbu u x'ħin sab ruħu mkebbeb tajjeb raqad fil-fond.

John mar jittawwal il-poni taz-ziju, tah ftit zokkor, biddillu t-tiben ta' taħtu u mlielu barmil ilma nadif. It-tnejn l-oħra marru jiġbru l-bajd mill-gallinar u ttawlu lid-dundjani bit-tama li jaraw xi wieħed jiftaħ denbu kollha lwien. X'ħin iz-ziju lestielhom ftit ċerejali bil-ħalib u ftit frott, għajtilhom u t-tfal daħlu jiġru. Marrru dritt fuq il-ġeru iżda l-ġeru kien għadu rieqed fil-fond, sidru tiela` u nieżel.

"Xejn ma jonqsu," qalet Rose moħħha mistrieħ. "Issa nżommuh aħna, zi," qalet.

“Iva, hekk nagħmlu,” qatgħalha xewqitha z-ziju. Rose bid-dmugħ f’għajnejha bisitu u għannqitu liz-ziju. “B’xortih dan il-ġeru. Kien sfortunat li xi ħadd kattiv ramih iżda kien fortunat li sibnieh aħna.”

Mistoqsijiet

Marka (1) għal kull tweġiba tajba

1. L-istorja seħħet fl-istaġun:

a. tas-sajf

b. tar-rebbiegħa

c. tax-xitwa

2. It-tfal marru għand iz-ziju:

a. fl-għaxija

b. fil-għodu

c. f’nofsinhar

3. It-tfal kienu:

a. tlieta

b. erbgħa

c. tnejn

4. Marru għand iz-ziju rekbin fuq:

a. iż-żwiemel

b. ir-roti

c. il-ponijiet

5. Iz-ziju kien joqgħod:

a. fil-belt

b. fil-kampanja

c. fejn il-baħar

6. Matul it-triq it-tfal waqfu jaraw:

a. il-wied

b. ix-xemx

c. ix-xtajta

7. _________ ra l-ġeru l-ewwel:

a. Rose

b. Paul

c. John

8. Il-ġeru kien __________ x’ħin rawh it-tfal l-ewwel darba:

a. sħun
b. kiesaħ
c. ferħan

9. X’ħin waslu għand iz-ziju Rose tat lill-ġeru

a. ċerjali bil-ħalib
b. frott bil-ħalib
c. gallettini bil-ħalib

10. Il-ġeru raqad fuq:

a. tapit
b. sodda
c. sufan

11. John mar jara ___________ taz-ziju:

a. ż-żiemel
b. l-ħmar
c. l-poni

12. It-tfal l-oħrajn marru:

a. jagħlfu lit-tiġieġ
b. jagħtu l-ilma lit-tiġieġ
c. jiġbru l-bajd

13.X'ħin it-tfal daħlu biex jieklu sabu li l-ġeru:
a. sparixxa
b. kien għadu rieqed
c. kien iferfer denbu

14. Iz-ziju ħejja ______________ għat-tfal
a. ċerjali bil-ħalib
b. bejken u bajd
c. towst bil-ġamm

15. Rose għannqet liz-ziju:
a. bir-rabja
b. bid-dwejjaq
c. bil-ferħ